Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Id-29 ta' Lulju, 2022

CFT 020-0900/22. Supply of 2% Chlorhexidine in 70 percent alcohol swabs

CFT 020-0901/22. Consumables compatible with medrad mark 7 arterion injection system already available at the AngioSuite Unit

CFT 021-0902/22. Maprotiline Hydrochloride 25mg tablets

CFT 021-0903/22. Nifedipine 10mg modified release tablets

CFT 021-0904/22. Phenyoxymethylpenicillin oral solution

CFT 020-0905/22. PTA balloon catheters (0.014" and 0.018")

CFT 021-0906/22. Amoxicillin 125mg oral suspension

CFT 020-0907/22. 2% Chlorhexidine in 70 percent isopropyl alcohol

CFT 021-0908/22. Labetalol Hydrochloride 100mg and 200mg tablets

CFT 020-0909/22. Universal capnography sample line for MRI anaesthesia machine

CFT 021-0910/22. Sestamibi

CFT 021-0911/22. Prednisolone 5mg soluble tablets

CFT 020-0912/22. Peripheral covered stents

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

29th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 2507U22 will be received up to noon on Monday, 1st August, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

29th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 2607U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Id-29 ta' Lulju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 2607U22 will be received up to noon on Tuesday, 2nd August, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

29th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 2707U22A jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Id-29 ta' Lulju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 2707U22A will be received up to noon on Tuesday, 2nd August, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

29th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 2907U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Id-29 ta' Lulju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 2907U22 will be received up to noon on Thursday, 4th August, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

29th July, 2022

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali ż-Żurrieq jgħarraf li:

**Sejħiet għall-offerti mill-Kunsill Lokali ż-Żurrieq permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Awwissu, 2022, għal:**

Avviż Nru. CM67/06/22. Servizzi professjonali ta' perit għall-Kunsill Lokali ż-Żurrieq.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-29 ta' Lulju, 2022

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Żurrieq Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Tuesday, 30th August, 2022, for:**

Advt No. CM67/06/22. Professional services of an architect to the Żurrieq Local Council,

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

29th July, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa jgħarraf illi:

**Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħal Luqa sal-11.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022, għal:**

Xogħlijiet ta' tlestija ta' latrini pubbliċi fi Triq Dun Pawl, Ħal Luqa, bl-użu ta' metodi li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-29 ta' Lulju, 2022

ĦAL LUQA LOCAL COUNCIL

The Ħal Luqa Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Ħal Luqa Local Council through ePPS up to 11.30 a.m. of Friday, 9th September, 2022, for:**

Finishing works at public convenience in Triq Dun Pawl, Ħal Luqa, using environmentally friendly methods.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

29th July, 2022

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

**Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2022, għal:**

Avviż Nru. RLC/T/206/22. Provvista ta' karozza tal-elettriku (M1).

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Rabat (Malta) Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Tuesday, 30th August, 2022, for:**

Advt No. RLC/T/206/22. Supply of a full electric vehicle (M1).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-29 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

**Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2022, għal:**

Avviż Nru. RLC/T/207/22. Provvista u installazzjoni ta' pużġamani mat-taraġ fi Triq Santa Rita, ir-Rabat, bl-użu ta' materajli u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-29 ta' Lulju, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

29th July, 2022

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Rabat (Malta) Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Tuesday, 30th August, 2022, for:**

Advt No. RLC/T/207/22. Provision and installation of handrails in flights of stairs in Triq Santa Rita, Rabat, using environmentally friendly materials and practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

29th July, 2022

## AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1309

Avviż ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru: 13/2022

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

i) Mario Cardona (KI 61451G);
ii) Mario Cardona (KI 4979G);
iii) Luzio Alan Cardona (KI 417390M);
iv) Maria Azzopardi (KI 19943G);
v) Josephine Azzopardi (KI 51045G);

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Application number: 13/2022

Application in terms of Article 495A of the Civil Code

i) Mario Cardona (KI 61451G);
ii) Mario Cardona (KI 4979G);
iii) Luzio Alan Cardona (KI 417390M);
iv) Maria Azzopardi (KI 19943G);
v) Josephine Azzopardi (KI 51045G);

vi) Michelina Azzopardi (KI 74747G);
vii) Giovanna Azzopardi (KI 39055G);
viii) Pauline Zammit (KI 2154G);
ix) Angela Cauchi (KI 57356G);
x) Pubblia Xerri (KI 8258G);
xi) Theresa Spiteri (KI 26461G);
xii) John Azzopardi (KI 63659G);
xiii) Raymond Grima (KI 11971G);
xiv) Martin Grima (KI 17861G);
xv) Anna Apap (KI 34065G) f'isimha personali, u għan-nom u in rappreżentanza tal-imsefrin ħutha Rita Grima (PA 1261980), John Grima (PA 11933060), Paul Grima (PA 1184582), u Josephine Azzopardi (PA 1161718)

vs

L-Avukat Dr Joseph Grech bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eredi ta' Michael Azzopardi u Saverio Azzopardi.

Rikors ai termini tal-Artiklu 495A tar-rikorrenti Mario Cardone et

Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw:

(i) Illi l-atturi huma propjetarji tal-maġġorparti tal-ishma indiviżi tal-fond, ossija dar fi stat dilapidat, bin-numru uffiċjali sitta u ħamsin (56), fi sqaq privat mingħajr numru u mingħajr isem, li jisporġi għal fuq Triq it-Torri Tinghi, Ix-Xewkija, Għawdex, bi ġnien retrostanti, tal-kejl ta' ċirka mitejn u għoxrin metru kwadru (220 m.k.), flimkien ma' nofs (1/2) indiviż tal-isqaq li minnu hija aċċessibbli l-istess propjetà, bl-ishma relattivi spjegati aħjar fuq l-arblu tar-razza anness u mmarkat bħala Dokument 'A';

(ii) Illi l-bqija tal-ishma jappartjenu lill-intimati;

(iii) Illi l-proprjetà inkwistjoni ilha miżmuma fi stat ta' komunjoni għal iżjed minn għaxar snin u ħadd mis-sidien ma beda azzjoni quddiem xi Qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tagħha;

(iv) Illi r-rikorrenti sabu l-bejgħ tal-proprjetà fuq deskritta u dan hekk kif jirriżulta mill-kopja tal-konvenju datat it-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), u mill-emendi sussegwenti datati t-tnax (12) ta' Marzu elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u s-sbatax (17) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), kopji ta' liema qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti 'B', 'C', u 'D', suġġetti kollha għall-akkwist tas-sehem rimanenti;

(v) Illi l-esponenti, qua sidien tal-maġġoranza tal-ishma tal-imsemmija proprjetà, iridu li jsir il-bejgħ tal-proprjetà inkwistjoni għall-ammont, fl-intier, ta' mitejn elf ewro

vi) Michelina Azzopardi (KI 74747G);
vii) Giovanna Azzopardi (KI 39055G);
viii) Pauline Zammit (KI 2154G);
ix) Angela Cauchi (KI 57356G);
x) Pubblia Xerri (KI 8258G);
xi) Theresa Spiteri (KI 26461G);
xii) John Azzopardi (KI 63659G);
xiii) Raymond Grima (KI 11971G);
xiv) Martin Grima (KI 17861G);
xv) Anna Apap (KI 34065G) in her personal name, and on behalf and in representation of her brothers and sisters Rita Grima (PA 1261980), John Grima (PA 11933060), Paul Grima (PA 1184582), and Josephine Azzopardi (PA 1161718)

vs

Advocate Dr Joseph Grech to represent the inheritance of Michael Azzopardi and Saverio Azzopardi

Application in terms of Article 495A by the applicant Mario Cardona et

Humbly request

(i) That applicants are the owners of the major part of the undivided shares of the property, being a house in a dilapidated state, bearing official number fifty-six (56), located in a private alley without name and without number, which abuts onto Triq it-Torri Tinghi, Xewkija, Gozo, with its adjacent garden, measuring circa two hundred and twenty square meters (220 sq.m.), together with one half (1/2) undivided share of the alley from which the same property is accessible, whereby the relative shares are better indicated on the attached family tree, marked as Document 'A';

(ii) That the remaining shares pertain to the defendants.

(iii) That the property in question has been commonly held for more than ten (10) years and none of the owners has ever initiated an action before any Court or Tribunal for the division thereof.

(iv) That applicants have found sale of the above-described property, as results from the herewith attached copy of the promise of sale agreement dated the thirtieth (30th) January of the year two thousand and twenty-one (2021), and the subsequent amendments dated the twelfth (12th) of March of the year two thousand and twenty-one (2021), and the seventeenth (17th) December of the year two thousand and twenty-one (2021), copies of which are being marked as Documents 'B', 'C' and 'D', all subject to the acquisition of the remaining shares;

(v) That applicants', being the owners of the majority of the shares of the named property, wish the same property to be sold for the sum of two hundred thousand euro

(€200,000), liema prezz huwa wieħed reali u jirrifletti l-prezz tas-suq tal-proprjetà, u dan kif jirriżulta mir-rapport peritali hawn anness;

(vi) Illi l-intimati mhux se jkunu gravament preġudikati kemm-il darba din il-Qorti tordna tali bejgħ u għalhekk ma hemm ebda ġustifikazzjoni mill-intimati għaliex ma għandhomx jersqu għal tali bejgħ.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex din il-Qorti a tenur tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-istess Kap. 16:

(i) Tawtorizza l-bejgħ tal-fond ossija dar fi stat dilapidat, bin-numru uffiċjali sitta u ħamsin (56), fi sqaq privat mingħajr numru u mingħajr isem, li jisporġi għal fuq Triq it-Torri Tinghi, Ix-Xewkija, Għawdex, bi ġnien retrostanti, tal-kejl ta' ċirka mitejn u għoxrin metru kwadru (220 m.k.), flimkien ma' nofs (1/2) indiviż tal-isqaq li minnu hija aċċessibbli l-istess proprjetà, u dan għall-prezz ta' mitejn elf ewro (€200,000).

(ii) Konsegwentement tordna li jiġi konkluż tali bejgħ versu l-kundizzjonijiet kollha pattwiti fil-konvenju fuq imsemmi.

(iii) Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dr Anna Maria Mizzi sabiex tippubblika l-att notarili relattiv fil-jum, ħin u post li din il-qorti jogħġobha tiffissa, kif ukoll taħtar kuraturi deputati sabiex jidhru f'isem dawk li jonqsu li jidhru għall-imsemmi kuntratt.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2022, fit-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 25 ta' Lulju, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

(€200,000), which price is real and reflective of the market value of the property, and this as results from the architect's report herewith attached;

(vi) That defendants will not be seriously prejudiced should this Honourable Court order the sale and hence, there is no justification from their end why they should not appear on the same sale.

Therefore, applicants humbly request this Honorable Court, in terms of article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta and the relative disposition of the same Cap. 16 of the Laws of Malta to:

(i) Authorize the same of the property, being the house in a dilapidated state, with official number fifty-six (56), in a private alley without number and without name, which abuts onto Triq it-Torri Tinghi, Xewkija, Gozo, with its adjacent garden, measuring circa two hundred and twenty square meters (220 sq.m.), together with half (1/2) undivided share of the alley from which the property is accessible, and this for the price of two hundred thousand euro (€200,000);

(ii) Consequently, order that the sale is concluded subject to all the conditions enlisted on the relative promise of sale agreement.

(iii) Appoint Notary Public Dr Anna Maria Mizzi to publish the relative deed on the date, time and place that this Honorable Court appoints, and to appoint deputy curators to appear for and on behalf of those who fail to appear on the deed.

All expenses to be borne by defendants

The application is appointed for hearing for Tuesday, 27th of September, 2022, at 9.15 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 25th of July, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1310

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 2022, fuq talba ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padruna diretta Maria Pullicino fl-atti taċ-ċedola numru

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd March, 2022, following a request by Bank of Valletta plc (C2833) it was ordered that deputy curators be appointed to represent the interest of the direct owner Maria Pullicino in

533/2022 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Bank of Valletta (C2833) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padruna diretta Maria Pullicino bint Francis u Antonia née Dingli, imwielda Bormla tal-ħanut/store bl-isem Francica Store qabel magħruf bħala St Gaetano, Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm3.81,6 ekwivalenti għal €8.89 mill-bqija libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2022, fejn Bank of Valletta plc esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta' bejgħ bl-irkant miżmum taħt l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-18 ta' Ottubru, 2016, fuq talba tal-Bank of Valletta plc (C2833) ġie liberat a favur tas-soċjetà mittenti l-Bank of Valletta plc, il-ħanut/store mingħajr numru uffiċjali bl-isem ta' Francica Store, qabel magħruf bħala St Gaetano Store fi Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà. L-imsemmi fond jikkonfina mill-Punent mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmelo Borg u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-suċċessuri fit-titolu ta' Tony u Victor aħwa Pullicino. L-imsemmi ħanut huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €8.89 rappreżentanti parti minn somma akbar ta' ċens li jiggrava l-art kollha li fuq parti minnha inbena l-fond imsemmi. Dan il-ħanut huwa mibni fuq żewġ livelli fuq plot ta' ċirka 186.3mk fil-livell tat-triq u 184.18mk fil-livell basement. Parti mil-livell basement huwa taħt beni ta' terzi ukoll. Il-ħanut għandu wkoll front garden u bitħa fuq wara;

Dan il-fond kien jappartejni lil Anthony Francica llum mejjet, iben il-mejtin Vincenzo u Dolores Francica née Gauci, imwieled il-Marsa (KI 569935) u l-mejta Marie Theresa Felice mart il-mejjet Anthony Francica u bint il-mejtin Michael McMahon u Anne McMahon née Dooley, imwielda Kilbeggan, l-Irlanda, (KI 1487AM). Din il-liberazzjoni favur is-soċjetà esponenti l-Bank of Valletta plc ġiet insinwata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta permezz ta' nota ta' Insinwata Ins 10828/2016 hawn esibita u mmarkata dokument A;

Illi jirriżulta illi Anthony Francica, waqt ħajtu miżżewweġ lil martu Marie Therese Francica née Mc Mahon, kien akkwista ħdax minn tnax (11/12) il-parti indiviża tal-ħanut/store bla numru bl-isem St Gaetano, Saint Luke's Road, Gwardamanġa, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm3.81,6 ekwivalenti għal €8.89 permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar George Cassar datat 22 ta' Awwissu, 1988, hawn anness u mmarkat Dokument B fil-waqt li wiret wieħed minn tnax (1/12) il-parti indiviża tal-istess fond mingħand missieru Vincenzo Francica li in forza ta' testment unica carta magħmul minnu flimkien ma' martu

the acts of the schedule of deposit number 533/2022 in the names Bank of Valletta plc vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 22nd March, 2022, in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Deputy Curators to represent the direct owner Maria Pullicino daughter of Francis and Antinia née Dingli, born in Bormla, of the shop/store with the name Francica Store previously known as St Gaetano, Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm3.81,6 equivalent to €8.89 otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, the applicant company Bank of Valletta plc respectfully submitted:

That through an auction held under the authority of this Honourable Court on the 18th October, 2016, at the request of Bank of Valletta plc (C2833) the shop/store without an official number with the name Francica Store, formerly known as St Gaetano Store, in Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà, was released in favour of the interpellant company Bank of Valletta plc. The said premises are bounded from the west by the said road, from the north by property of Carmelo Borg and from the south by property of the successors in title of Tony and Victor brothers Pullicino. The said shop is subject to the annual and perpetual groundrent of €8.89 representing part of a larger amount of groundrent which burdens all the the land on which part of the said premises was built. The shop is built on two levels on a plot of about 186.3 square meters at street level and 184.18 square meters at basement level. Part of the basement level is also under third party property. The shop also has a front garden and a backyard;

This property belonged to Anthony Francica now deceased, son of the late Vincenzo and Dolores Francica née Gauci, born in Marsa (ID 569935) and the deceased Marie Theresa Felice, wife of the late Anthony Francica and daughter of the late Michael McMahon and Anne McMahon née Dooley, born in Kilbeggtan, Ireland (ID 1487AM). The transfer in favour of the applicant Bank of Valletta plc was registered in the Public Registry of Malta by means of a note of Reference number Ins 10828/2016 here exhibited and marked as document A;

It resulted that Anthony Francica, during his married life to his wife Marie Therese Francica née Mc Mahon, had acquired eleven out of twelve (11/12) undivided parts of the unnumbered shop/store named St Gaetano, Saint Luke's Road, Gwardamanġa, as subject to the annual and perpetual groundrent of Lm3.81,6 equivalent to €8.89 by means of a contract of sale in the records of Notary George Cassar dated 22nd August, 1988, here attached and marked as Document B, whilst he inherited one part of twelve (1/12) undivided share of the same premises from his father Vincenzo Francica by means of a will unica charta made together with his wife Dolores

Dolores Francica fl-atti tan-Nutar John Tabone Adami tat-12 ta' Lulju, 1966, innomina bħala eredi tiegħu lis-sitt uliedu;

Illi jirriżulta illi Vincenzo Francica waqt ħajtumiżżewweġ lil martu Dolores Francica kien akkwista mingħand Mario Pullicino bin il-mejtin it-Tabib Dr Francis Pullicino u Paolina née Grima, imwieled Ħal Balzan, porzjon diviż ta' għalqa msejħa Tal-Istampa fil-kuntrada ta' Sqaq id-Duluri fil-limiti ta' Tal-Pietà, b'faccata fuq Hospital Road, tal-kejl ta' 97 qasab kwadri, tmiss mill-Punent ma' Hospital Road, min-Nofsinhar ma' porzjon ieħor mill-istess għalqa u mit-Tramuntana ma' beni ta' Antonio Debono suġġett għaċ-ċens annwu u perpewtu ta' Lm38.16 ekwivalenti għal €88.89 mill-bqija libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Tabone Adami datat l-1 ta' Diċembru, 1961, hawn anness u mmarkat Dokument C u fuq parti minn din l-għalqa Vincenzo Francica kien bena l-ħanut/store bl-isem Francica Store qabel magħruf bħala St Gaetano Store fi Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà;

Illi Mario Pullicino permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 12 ta' Mejju, 1966, hawn anness u mmarkat Dokument D kien akkwista mill-poter ta' Maria Pullicino bint Francis u Antonia née Dingli, imwielda Bormla, b'titolu ta' enfitwesi perpetwa dekoribbli mid-data tal-att porzjoni diviża ta' għalqa imsejħa 'Tal-Istampa' fil-kuntrta ta' Sqaq id-Duluri fil-limiti Tal-Pietà, b'faċċata fuq Hospital Road tal-kejl ta' 97 qasab kwadri tmiss mill-Punent ma' Hospital Road, min-Nofsinhar ma' porzjon ieħor mill-istess għalqa u mit-Tramuntana ma' beni ta' Antonio Debono, versu ċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm38.16 ekwivalenti għal €88.89 mill-bqija libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

Illi l-ħanut/store bl-isem Francica Store li qabel kien magħruf bħala St Gaetano Store Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà, inbena fuq parti mill-porzjon diviż ta' għalqa imsejħa Tal-Istampa fil-kuntrada ta' Sqaq id-Duluri fil-limiti Tal-Pietà b'faċċata fuq Hospital Road, tal-kejl ta' 97 qasab kwadri tmiss mill-Punent ma' Hospital Road, min-Nofsinhar ma' prozjon ieħor mill-istess għalqa u mit-Tramuntana ma' beni ta' Antonio Debono, deskritt fil-paragrafi precedenti u huwa suġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' Lm3.81,6 ekwivalenti għal €8.89 parti minn somma akbar ta' ċens originali annwu u perpetwu ta' Lm38.16 ekwivalenti għal 388.89 mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu;

Illi s-soċjetà esponenti qed tannetti pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet tal-ħanut/store bl-isem Francica Store qabel kien magħruf bħala St Gaetano Store, Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà, immarkata Dokument E;

Francica in the records of Notary John Tabone Adami on the 12th July, 1966, and he appointed his six children as his heirs;

It resulted that Vincenzo Francica during his marriage to his wife Dolores Francica, had acquired from Mario Pullicino, son of the late Doctor Francis Pullicino and Paolina née Grima, born in Ħal Balzan, a divided portion of land known as Tal-Istampa in the limits of Sqaq id-Duluri limits of Tal-Pietà, with its facade on Hospital Raod, measuring 97 square canes, bounded from the west with Hospital Road, from the south with a portion of the same land and from the north with property of Antonio Debono subject to the annual and perpetual groundrent of Lm38.16 equivalent to €88.89 otherwise free and unencumbered with all its rights and pertinances by means of a contract in the recors of Notary John Tabone Adami dated 1st December, 1961, here attached and marked as Doc. C and on part of this land Vincenzo Francica built the shop/store with the name Francica Store previously known as St Gaetano Store in Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà;

That Mario Pullicino by means of contract in the records of Notary Paul Pullicino dated 12th May, 1966, here attached and marked as Document D, acquired from Maria Pullicino, daughter of Francis and Antonia née Dingli, born in Bormla by title of perpetual emphyteusis starting from the date of the deed a divided portion of land called 'Tal-Istampa in the limits of Sqaq id-Duluri in the limits of Tal-Pietà, with a facade on Hospital Road measuring 97 square canes and which is bounded from the west with Hospital Road, on the south by another portion of the same land and from the north with property of Antonio Debono, towards the annual and perpetual groundrent of Lm38.16 equivalent to €88.89 otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances;

That the shop/store called Francica Store which was formely known as st Gaetano Store, in Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà was built on a divided portion of land known as Tal-Istampa in the limits of Sqaq id-Duluri with a facade on Hospital Road measuring 97 square canes and which is bounded from the West with Hospital Road, on the south by another portion of the same land and from the north with property of Antonio Debono, described in the previous paragraphs and is subject to the annual and perpetual groundrent of Lm3.81,6 equivalent to €8.89 part of a larger original annual and perpetual groundrent of Lm38.16 equivalent to €88.89 otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances;

The applicant company is attaching a plan of the Land Registry of the shop/store called Francica Store formerly known as St Gaetano Store, Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, Tal-Pietà, marked as Document E;

Illi s-soċjetà esponenti tixtieq tħallas il-lawdemju dovut u ċ-ċens dovut għal dawn l-aħħar ħames (5) snin u għalhekk tiddeposita s-somma ta' €53.34 taħt l-Awtorità tal-Qorti;

Illi s-soċjetà esponenti tixtieq ukoll tifdi dan iċ-ċens annwu u perpetwu ta' €8./89 gravanti l-ħanut/store bl-isem Francica Store qabel kien magħruf bħala St Gaetano Store, Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, hawn fuq imsemmi liema ċens annwu u perepwtu huwa parti minn somma kbar ta' ċens originali annwu u perpetwu ta' Lm38.16 ekwivalenti għal €88.89 u għalhekk tipprevalixxi ruħha mill-provveidmenti tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tifdi l-imsemmi ċens kif stipulat fil-ligi, biex dan il-fond isir liberu u frank minn kull ċens;

Illi l-imsemmi ċens kapitalizzat skont il-liġi bir-rata ta' 5% jekwivala għas-somma ta' €177.80.

Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti qiegħda tadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma totali ta' €231.14 kwantu għal:

€8.89 bħala lawdemju dovut mat-trasferiment tal-proprejtà f'isem il-Bank, sabiex jiġu rtirati mill-padruna diretta jew l-eredi tagħha llum u wara li titħalla d-debita riċevuta;

€44.45 bħala ċens dovut għal dawn l-aħħar ħames (5) snin sabiex jiġu rtirati mill-padruna diretta jew l-eredi tagħha illum u wara li titħalla d-debita riċevuta; u

€177.80 bħala konsiderazzjoni għall-fidwa taċ-ċens fuq imsemmi sabiex jiġu rtirati mill-padruna diretta jew l-eredi tagħha llum, prevja notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u taħt dawk il-il-provvedimenti kollha kontemplati mil-Liġi u wara li titħalla d-debita riċevuta.

Rikorrenti: Bank of Valletta plc, 1/5 Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta

Notifiki:

i) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
ii) Reġistratur tal-Artijiet, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
iii) Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

That the applicant company wishes to pay the laudemium due and the groundrent due for these last five (5) years and thefore will deposit the amount of €53.34 under the Authority of the Court;

That the applicant company also wishes to redeem this annual and perpetual groundrent of on€38.89 the shop/store with the name Francica Store foremerly know as St Gaetano Store, Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, above mentioned which annual and perpetual groundrent is part of a large sum of the original annual and perpetual groundrent of Lm38.16 equivalent to €88.89 and thus avail itself from the provisions of article 1501 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem this groundrent as stipulated at law so that this premises will be free and unencumbered from any groundrent;

That the said groundrent capitalised according to Law at the rate of 5% is equivalent to the amount of €177.80.

Thus, the applicant company requests this Honourable Court and under its authority deposits the total amount of €231.14 as for:

€8.89 as laudemium due with the transfer of the property in the name of Bank of Valletta to the withdrawn by the direct owner or her heirs and after leaving the relative receipt.

€44.45 as payment of groundrent due for these last five (5) years to be withdrawn by the direct owenr or her heirs and after leaving the relative receipt.

€177.80 as redemption of the groundrent above mentoned to be withdrawn by the direct owner or hers, by means of a notification to the Director of the Public Registry, and under those provvisions according to law after leaving the relative receipt.

Applicant: Bank of Valletta plc, 1/5 Misraħ San Ġorġ, Valletta

Notification:

i) Director Public Registry, Valletta
ii) Registrar of Lands, Triq il-Punent, Valletta
iii) Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Marzu, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd March, 2022

Registry of the Superior Courts, today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1311

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Lulju 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal- Ittra ta' Medjazzjoni fl-ismijiet Salvina Buttigieg vs Blasius Buttigieg, Ittra numru 490/2022, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Blasius Buttigieg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Salvina Buttigieg xebba Attard (KI 25269M) vs Blasius Buttigieg (KI 11969G) fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 490/22, ippreżentata fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Mejju, 2022, ir-rikorrenti Salvina Buttigieg (KI 25269M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-intimat jiżgombra mill-fond konjugali ċjoè Block 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Ħal Kirkop, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Reg. Mag. Jur. (Eur. Law)

Ittra Medjazzjoni numru 490/2022

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tat-3 ta' Mejju, 2022,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 4 ta' Mejju, 2022

Rikorrenti, Flat 2, Entratura E, Triq Dun Anton Vassalli, Is-Siggiewi

Intimat Notifika: Block 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Ħal Kirkop

By means of a decree of the 4th July 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Mediation Letter in the names Salvina Buttigieg vs Blasius Buttigieg, Letter number 490/2022, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Blasius Buttigieg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the acts of the Mediation Letter number 490/2022 in the names Salvina Buttigieg née Attard (ID 25269M) vs Blasius Buttigieg (ID 11969G), filed in the Civil Court (Family Section), on the 9th June 2021, the applicant Salvina Buttigieg requested this Honourable Court to order the respondent to vacate from the matrimonial home that is Block 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Ħal Kirkop, and this under those provisions that this Court deems fit and opportune.

Civil Court (Family Section), Hon Judge Abigail Lofaro LLD, Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)

Mediation Letter number 490/2022

The Court,

Having seen the application of 3rd May, 2022,

Orders service on the other party, who is to file a reply within five (5) working days.

Today 4th May, 2022

Applicant: Flat 2, Entratura E, Triq Dun Anton Vassalli, Siggiewi

Respondent Notification: Block 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Ħal Kirkop

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1312

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-17 ta' Awwissu, 2021, fuq talba ta' A.H. Gamal ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Al Shikh Naman Mahfud M, fl-atti tar-Rikors Ġenerali numru 268/2021JPG, fl-ismijiet Henadi A. H. Gamal vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' Ġunju, 2021, fl-ismijiet Henadi A.H. el Gamal (KI 0136844A) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Al Shikh Naman Mahfud M (passport Libjan numru RF4PNYL9), fejn ir-rikorrenti Henadi A. H. El Gamal (KI 36844A) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna illi l-esponenti tingħata is-setgħa esklussiva ta' ġenitur għal dak kollu li jikkoncerna lill-minuri;

2. Tawtorizzza lill-esponenti tiffirma kwalsijasi formoli u/jew dokumenti ta' natura straordinarja, inkluż dawk akkademiċi, dawk ta' saħħa u dawk konnessi mal-viża tal-minuri u dan mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens u/jew firma tal-missier Al Shikh Naman Mahfud M.

U dan taħt dawk il-kondizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkunu opportuni u xierqa.

Rikorrenti: Pearl Residence, Fl. 1, Triq V. Menville, Is-Swieqi

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 17th August, 2021, following a request of Henadi A.H. Gamal it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Al Shikh Naman Mahfud M, in the records of the General Application 268/2021JPG, in the names Henadi A. H. Gamal vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application filed, in the Civil Court (Family Section), in the names Henadi A. H. El Gamal (ID 0136844A) vs Deputy Curators to represent the absentee Al Shikh Naman Mahfud M (Libyan passport number RF4PNYL9), on the 25th June, 2021, the applicant Henadi A.H. El Gamala (ID 0136844A) requested this Honourable Court so that it:

1. Orders that the applicant be given exclusive parental authority in all the matters concerning the minors;

2. Authorises the applicant to sign any forms and/or documents of an extraordinary nature, including academic, health and visa of the minors without the néed for consent and/or signature of the father Al Shikh Naman Mahhfud M.

And this under all those conditions that this Honourable Court deems fit and proper.

Applicant: Pearl Residence, Fl. 1, Triq V. Menville, Swieqi

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 20 ta' Awwissu, 2021

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned,with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 20th August, 2021

Registry of the Civil Court (Family Section), today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1313

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-11 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' Juliette Tango Holdings Limited (C49462) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 18 ta' Ottubru, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament bin-numru ħdax (11) mingħajr l-arja tiegħu, formanti parti mill-kumpless Southcliff Mansions, ġewwa Triq l-Iskall, Wied il-Għajn, li jikkonsisti f'penthouse, preżentament fi stat ta' ġebel u saqaf, sovrapost fuq iż-żewġ blokki illi jiffurmaw il-kumpless, aċċessibbli mit-tromba tat-taraġ fuq ix-xellug tal-blokk inti u tħares mit-triq, mill-bieb bin-numru dsatax ittra A (19A), suġġett għal servitujiet attivi jew passivi li jirriżultaw mill-pożizzoni tiegħu, suġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu revidibbli kull ħamsin sena u stmat li jiswa mitejn u għoxrin elf ewro (€220,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Southcliff Developments Limited (C27802).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 50/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 11th July, 2022, on the application of Juliette Tango Holdings Limited (C49462), Tuesday, 18th October, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Apartment number eleven (11) without its air space, forming part of the complex Southcliff Mansions, in Triq l-Iskall, Wied il-Għajn, which consists of a penthouse, presently in shell form, overlying the two blocks forming the complex, accessible from the stairwell on the left side of the block when one is looking from the street from door number nineteen letter A (19A), subject to active and passive servitudes that result from its position, subject to its annual and perpetual ground rent rate revisable every fifty years and valued at two hundred and twenty thousand euro (€220,000).

The said tenement is the property of Southcliff Developments Limited (C27802).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 50/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 25th July, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1314

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 27 ta' Ottubru, 2022, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th July, 2022, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 27th October, 2022 at noon (12:00pm), has been fixed for the Sale By Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

L-appartament, fit-tieni sular (First Floor), internament immarkat bin-numru erbgħa (4) fi blokka bl-isem 'Alder Court' fi Triq Nard Mallia, Żurrieq, aċċessibbli mill-istess blokka, bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha, u bid-dritt tal-użu tal-partijiet tal-komun li fost oħrajn jinkludu l-entratura prinċipali tal-blokka, it-taraġ komuni, il-lift u s-sistema tad-drenaġġ hekk kif aħjar deskritt f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tat-tlettax ta' Settembru, elfejn u tnax (13.9.2012) u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u sittin elf ewro (€265,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Stefanov Alexander (KI 48811A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 43/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The apartment, at first (1st) floor level, internally marked number four (4), in block named 'Alder Court', in Triq Nard Mallia, Zurrieq, accessible from the same block, with all its rights and appurtenances, and with the right of use of the parts intended for common use including amongst others the main entrance of the block, the common staircase, the lift and the drainage system as better described in the acts of Notary Ruben Casingena of the thirteenth September, two thousand and twelve (13.9.2012) and is valued at two hundred and sixty five thousand euro (€265,000).

The said tenement is the property of Stefanov Alexander (ID 48811A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 43/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 25th July, 2022.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1315

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 3 ta' Novembru, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-maisonette immarkata bin-numru tnejn (2) bl-isem 'Edel' formanti parti minn blokk ta' bini bl-isem 'GDS Buildings' fi Triq il-Wied, L-Imsida, li tinsab fit-tieni sular (second floor level) li tinsab fuq showroom fil-livell tal-pjan terran flimkien ma' maisonette fil-livell tal-ewwel sular. Il-blokk imsemmi jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq il-Wied, mill-Punent ma' proprjetà tal-eredi ta' George Debattista u mil-Lvant ma' proprjetà tal-eredi ta' Orlando Debono. L-aċċess għall-proprjetà huwa permezz ta' taraġ estern komuni mill-imsemmija triq. Il-proprjetà għandha dritt tal-użu tat-taraġ ta' barra li jwassal għal fuq il-bejt kif ukoll bid-dritt tal-użu perpetwu tan-nofs indiviż tal-bejt, u suġġetta u tgawdi s-servitujiet attivi u passivi li jirriżultaw skont il-pożizzjoni tiegħu. Dan il-fond igawdi minn servitù ta' bitħa interna u bitħa ta' wara permezz ta' twieqi. L-arja kif ukoll il-washroom ta' fuq il-bejt huma proprjetà ta' terzi. Is-sidien tal-arja ta' fuq il-bejt għandhom dritt li jibnu sulari ulterjuri fuq l-arja ta' fuq il-bejt u li jestendu t-taraġ u s-servizzi għal fuq il-bejt il-ġdid. Il-maisonette huwa liberu u frank u stmat li jiswa' mija disgħa u tletin elf ewro (€139,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Tanti John (KI 375982M) u Sammut Odette (KI 319189M).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 19th July, 2022, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 3rd November, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The maisonette marked number two (2) named 'Edel' forming part of a block of building named 'GDS Buildings' in Triq il-Wied, Msida, situated on the second floor level situated on the showroom on the groundfloor level together with the maisonette on the first floor level. The said block is bounded from north with Triq il-Wied, west with property of George Debattista successors and east with property of Orlando Debono successors. The maisonette access is from a common outdoor stairs from the said street. The property has the right of usage of the outdoor stairs leading to the roof, as well as the right of perpetual use of the undivided half of the roof and is subject to and enjoys active and passive servitudes resulting according to its position. The said property enjoys servitude of internal yard and backyard through windows. The airspace as well as the washroom on the roof are third party property. The owners of the roof airspace have the right to develop further floors above the roof area and to extend the stairs and the services to the new roof. The maisonette is free and unencumbered and is valued at one hundred and thirty nine thousand euro (€139,000).

The said tenement is the property of Tanti John (ID 375982M) and Sammut Odette (ID 319189M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 25th July, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1316

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 74/2022BS) minn Josephine Debrincat, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Joseph Debrincat, ġja miżżewweġ lil Josephine Debrincat née Grech, iben il-mejtin Saviour Debrincat u Josephine née Cauchi, imwieled il-Munxar, Għawdex, fl-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949) u ġja residenti l-Munxar Għawdex, u miet ġewwa Victoria, Għawdex, fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), intestat. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Joseph Debrincat għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u ċjoè martu Josephine Debrincat (KI 71057G) inkwantu għan-nofs (1/2) indiviż u uliedu Samuel Debrincat (KI 589G) u Noel Debrincat (KI 6292G) inkwantu għal kwart (1/4) indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the eight (8th) of July of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 74/2022BS), Josephine Debricnat requested the opening of the succession of Joseph Debrincat, formerly married to Josephine Debrincat née Grech, son of the late Saviour Debrincat and Josephine née Cauchi, born in Munxar, Gozo, on the fourth (4th) of October of the year one thousand nine hundred and forty-nine (1949) and formerly resident in Munxar, Gozo, and died in Victoria, Gozo, on the second (2nd) of February of the year two thousand and twenty-two (2022), intestate. That it is necessary that the succession of the said Joseph Debrincat should be made in favor of his heirs according to law and that is to his wife Josephine Debrincat (ID 71057G) as half (1/2) undivided and his sons Samuel Debrincat (ID 589G) and Noel Debrincat (ID 6292G) as a quarter (1/4) undivided each, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi zmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Lulju, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 21st of July, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1317

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fis-7 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' Ian Sammut (KI 275777M) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2022 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'garaxx numru tnax (12) fi Triq San Valentin, Ħal Balzan tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Entree Limited et (C36821).

By decree given by the Civil Court First Hall on 7th July, 2022 on the application of Ian Sammut (ID 275777M), Monday, 19th September, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at Garage number twelve (12) in Triq San Valentin, Ħal Balzan, of the following items seized from the property of Entree Limited et (C36821).

Kompjuters, keyboards, LCD u oġġetti oħra

Computers, keyboards, LCD and other items.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta 3/21.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 26 ta' Lulju, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 3/21.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 26th July, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1318

B'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Jannar, 2020, fl-atti tar-Rikors numru 71/16 fl-ismijiet Lay Lay Company Limited (C4534) vs Alsan Enterprises Company Limited (C17683), B.D. Limited (C7281) u Modem Design Properties Limited (C14871) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-appell tas-soċjetà Modern Design Properties Limited (C14871), din il-kumpanija ħassitha aggravata minn sentenza tal-Ewwel Qorti tas-16 ta' Lulju, 2019, fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà appellanti Modern Design PropertiesLimited u laqgħet it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet intimati kollha solidalment bejniethom.

Illi l-aggravju hu ċar u manifest inkwantu l-Ewwel Qorti interpretat ħażin dak rikjest tassativament fl-artikolu 2072 tal-Kap. 16 meta rriteniet li l-protest ma kienx hemm bżonn li jiġi notifikat lis-soċjetajiet konvenuti kollha u li kien biżżejjed biex jiġi notifikat lejn il-bejgħ mill-kreditur tal-immobbli mghobbi b'ipoteka. Is-soċjetà BD ma ġietx notifikata bil-protest tas-soċjetà attriżi u għalhekk is-soċjetà attriżi ma setgħetx tintavola dawn il-proċeduri qabel ma l-krediturikollha jiġu notifikati bil-protest.

… omissis …

L-Ewwel Qorti interpretat ħażin dak rikjest mill-artikoli 2084(4) u 2086 tal-Kodiċi meta rriteniet li l-artikolu 2086 tal-Kodiċi japplika għal kull tip ta' obligazzjoni ċjoè kemm għal kreditu kif ukoll għal paċifiku pussess bhal fil-każ odjern.

… omissis …

F'dan il-każ is-soċjetà esponenti ma għandha ebda dejn xi tħallas lis-soċjetà attriċi u anzi hija s-soċjetà attriċi li għandha obligazzjoni lejn is-socjetà esponenti permezz tal-ipoteka mertu ta' din il-kawża.

… omissis …

L-Ewwel Qorti interpretat ħażin l-artikolu 2085 tal-Kodiċi meta fil-fol 26 tas-sentenza irriteniet li l-legiżlatur

By decree of the Court of Appeal of 22nd January, 2020, in the records of Application number 71/16 in the names Lay Lay Company Limited (C4534) vs Alsan Enterprises Company Limited (C17683), B.D. Limited (C7281) and Modem Design Properties Limited (C14871) ordered the following publication in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application of Appeal by Modern Design Properties Limited (C14871), this company was aggrieved by a judgment of the Court of First Instance delivered on 16th July, 2019, in which it rejected all the pleas of the appellant company Modern Design Properties Limited and upheld all the claims of the plaintiff company with costs against the all the respondent companies jointly and severally.

Whereas the ground of appeal is clear and manifest insofar as the First Court misinterpreted what is strictly required in section 2072 of Cap. 16 when it held that the protest did not néed to be notified to all the defendant companies and that it was sufficient to be notified to the sale by the creditor of the property burdened by a hypothec. B.D. Limited was not notified of the plaintiff company's protest and therefore the plaintiff company could not initiate these proceedings until all creditors were notified of the protest.

… omissis …

The Court of First Instance misinterpreted what is required by sections 2084(4) and 2086 of the Civil Code when it held that section 2086 of the Civil Code applies to all types of obligations i.e. both to credit as well as to peaceful possession as in in the present case.

… omissis …

In this case, the exponent company has no debt to pay to the plaintiff company and indeed it is the plaintiff company that has an obligation towards the exponent company by means of a hypothec, in the merits of this case.

… omissis …

The First Court misinterpreted section 2085 of the Civil Code when on page 26 of the judgment it held that the

ried li dan l-artikolu jingħata interpretazzjoni għal kollox dejqa dik li fl-għeluq l-ghaxar (10) snin minn dakinhar li t-terza persuna tkun akkwistat il-beni l-ipoteka tispiċċa favur tagħha. Skont l-artikolu 2086 tal-Kap. 16 dan iqis l-iskrizzjonijiet li jsiru fuq talba tal-kreditur ma jiksrux il-mixi tal-preskrizzjoni favur it-terz pussessur. Is-soċjetà appellanti tikkontendi din l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante (i) li ghad hemm proċeduri fuq kemm is-soċjetà attriċi hija sid tal-art kollha inkwistjoni u għalhekk ma jistax jingħad li s-soċjetà attriċi kellha għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin pussess tal-art kontinwu u mhux miksur, paċifiku u pubbliku u mhux ekwivoku skont l-artikolu 2017 tal-Kap. 16 u (ii) li l-preskirzzjoni hija sospiża ai termini tal-artikolu 2125(a) u (b) tal-Kodiċi u (iii) kif ukoll li l-validità ta' tali ipoteka kienet qed tiġi kkontestata minn l-istess soċjetà attriċi. L-Ewwel Qorti injorat dan kollu.

… omissis …

L-ewwel Qorti ddeċidiet ħażin ukoll meta a fol 25 tas-sentenza iddeċidiet li l-kanċellament tal-ipoteka kellu jkun anke fuq proprjetà ta' terzi.

… omissis …

Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti filwaqt li tagħmel referenzi għal provi prodotti u n-nota ta' sottomissjonijiet, u żżomm li ġġib f'waqthom il-provi meħtieġa bil-mezzi kollha li tagħtiha l-liġi, qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li tirrevoka u tħassar s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kawża fl-ismijiet premessi tas-16 ta' Lulju, 2019, u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra is-soċjetà attriċi appellata.

Notifika: B.D. Limited (C7281), 73, The Rose, Triq Napuljun Caruana Dingli, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 26 ta' Lulju, 2022

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

legislator wanted this section to be given a completely narrow interpretation, that is in the tenth (10) year from when the third party would have acquired the property, the hypothec ends up in its favour. According to section 2086 of Cap. 16 this takes into account the enrolments made at the request of the creditor not to interrupt prescription in favour of the third possessor. The appellant company contends that this action cannot be successful in view of the fact that (i) proceedings are still pending on whether the plaintiff company owns all the land in question and therefore it cannot be said that the plaintiff company had ten (10) years of continuous and unbroken land ownership, peaceful and public and unequivocal in accordance with section 2017 of Cap. 16 and (ii) that the prescription is suspended in terms of section 2125 (a) and (b) of the Civil Code and (iii) as well as the validity of such a hypothec is being challenged by the same plaintiff company. The Court of First Instance has ignored all this.

… omissis …

The First Court also decided incorrectly when on page 25 of the judgment it ruled that the cancellation of the hypothec should also have been on third party property.

… omissis …

Therefore, the exponent company while making reference to evidence produced and the note of submissions, and retains the right to produced in a timely manner the evidence required by all means provided by law, is respectfully requesting this Honourable Court to revoke and annul the judgment given by the First Hall of the Civil Court in the cause in the premised names delivered on 16th July, 2019, and reject the claims of the plaintiff company with the costs of both instances against the appealed plaintiff company.

Notification: B.D. Limited (C7281), 73, The Rose, Triq Napuljun Caruana Dingli, Ħal Tarxien

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 27th July, 2022

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1319

B'digriet mogħti fis-26 ta' Lulju, 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 1247/2022 ippreżentat minn Elizabeth Sant Fournier, fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Giuseppe Fortunato Ellul, (KI 0546518M), armel ta' Iris Vera Ellul née Jasper, bin il-mejtin Salvatore Ellul u Giovanna Ellul née Mattei, imwieled l-Isla, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-13 ta' Frar, 2022, ta' 103 snin.

By means of a decree given on the 26th of July, 2022, by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on application number 1247/2022 filed by Elizabeth Sant Fournier, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Giuseppe Fortunato Ellul, (ID 0546518M), widow of Iris Vera Ellul née Jasper, son of the late Salvatore Ellul and the late Giovanna Ellul née Mattei, born at Senglea, Malta, and died at Msida, Malta, on the 13th February, 2022, aged 103 years.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2022, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu (8.30 a.m.) fl-Awla 17, il-Qorti, Il-Belt Valletta, taħt il-ministeru tan-Nutar Peter Fleri Soler.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 26 ta' Lulju, 2022

ANTONIA DALLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The opening and publication are going to be held on Tuesday, 27th September, 2022, at half past eight in the morning (8.30 a.m.) in Hall 17, at the Law Courts, Valletta, under the ministry of Notary Peter Fleri-Soler.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 26th of July, 2022

ANTONIA DALLI
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1320

ARB/C049/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Lulju, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 401/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARIO DEGIORGIO, pensjonant, ta' 65 sena, iben il-mejjet Lewis u l-mejta Josephine xebba Bezzina, imwieled il-Marsa, Malta, fil-11 ta' Mejju, 1957, u residenti ġewwa 'De Port', Flat 4, Triq Stiefnu Zerafa, Il-Marsa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 371757M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MARIO DEGIORGIO u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 5, u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

ARB/C049/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 26th July, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 401/2022, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MARIO DEGIORGIO, pensioner, 65 years, son of the late Lewis and the late Josephine née Bezzina, born in Marsa, Malta on the 11th May, 1957, and residing at 'De Port', Flat 4, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 371757M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MARIO DEGIORGIO and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 5, and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum, 27 ta' Lulju, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Today, 27th July, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1321

ARB/C009/2020 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru, 2021, mill-Qorti Kriminali – l-Onorevoli Mħallef Dr Giovanni M. Grixti, LLD, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

Kontra

NIKOLAI BONDIN, ta' 27 sena, bin Mario u Josephine xebba Vella, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-29 ta' Ġunju, 1995, residenti ġewwa 122, Velbon, Triq Wied il-Buni, Birżebbuġa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 276995M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat NIKOLAI BONDIN sabiex jagħlaq iż-żewġ kontijiet intestati f'ismu li jispiċċaw -2050 u -2051 u li huma miżmuma mal-HSBC Bank Malta plc u b'dan illi kull bilanċ fi kreditu għandu jitqies bħala iffriżat flimkien mal-assi kollha tiegħu.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Rachel Montebello LLD) fis-27 ta' April, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-30 ta' April, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' NIKOLAI BONDIN.

ARB/C009/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 21st October, 2021, given by the Criminal Court – the Honourable Mister Justice Dr Giovanni M. Grixti, LLD, in the case:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Versus

NIKOLAI BONDIN, 27 years, son of Mario and Josephine née Vella, born in Tal-Pietà, Malta, on the 29th June, 1995, residing at 122, Velbon, Triq Wied il-Buni, Birżebbuġa, and holder of Maltese identity card bearing number 276995M.

The Court AUTHORISED the accused NIKOLAI BONDIN to close his two bank accounts ending in -2050 and -2051 and held with HSBC Bank Malta plc and that any balances in credit is to be considered as frozen together with all his other assets.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello LLD) on the 27th April, 2020, which was published in the Government Gazette on the 30th April, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to NIKOLAI BONDIN.

Illum, 28 ta' Lulju, 2022

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Today, 28th July, 2022

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1322

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Lulju 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 543/2022AJD, li ġie ppreżentat fil-2 ta' Ġunju, 2022, fl-ismijiet: Juliette Tango Holdings Ltd vs Alpha Investments Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta'

By decree given by the Civil Court, First Chamber, on 15th July, 2022, in the acts of Sworn Claim number 543/2022AJD, which was presented on 2nd June, 2022, in the names: Juliette Tango Holdings Ltd vs Alpha Investments Ltd, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification

notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-imgħax fis-somma ta' sitt mija u sebat elef u erbatax il-ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€607,014.77ċ), ma huwiex titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tħassar għal kollox d-digriet tal-1 ta' Frar, 2022. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti nomine.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Settembru, 2022, fl-10.45 a.m.

Notifika Intimat: Juliette Tango Holdings Ltd, Elaine Court, Apt 11, Triq is-Sibbien, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Lulju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, inter alia: Declare and decide that the interest in the sum of six hundred and seven thousand and fourteen euro and seventy seven cents (€607,014.77c), is not an executive title in terms of Article 253(b) of Cap. 12 of the Laws of Malta, and the decree of 1st February, 2022, is completely annulled. With costs against the nominated applicant.

The Sworn Appeal in the names mentioned above is adjourned for 16th September, 2022, at 10.45 a.m.

Notification Respondent: Juliette Tango Holdings Ltd, Elaine Court, Apt 11, Triq is-Sibbien, Marsaskala

Register of the Superior Courts, today 27th July, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1323

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 359/2022GM, li ġie ppreżentat fil-27 ta' April, 2022, fl-ismijiet Chetcuti Mark vs Mercieca Alessandro sive Alex, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenut sabiex jidher fuq l-att finali ta' komprovendità relattiva u tinnonima u tiddelega lin-Nutar Isabella Gonzi tippubblika l-att tal-bejgħ relattiv fil-jum, ħin u post li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmijaja hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Ottubru, 2022, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Mercieca Alexander, Anil, 4, Triq il-Ħawt, is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Lulju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Chamber, on 14th June, 2022, in the acts of Sworn Claim number 359/2022GM, which was presented on 27th April, 2022, in the names Chetcuti Mark vs Mercieca Alessandro sive Alex, the following publication was ordered, a tenor of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, inter alia: Order the defendant to appear on the final deed of relative sale and nominate and delegate the Notary Isabella Gonzi to publish the deed of relative sale on the day, time and place to be fixed by this Honorable Court. With all the costs against the defendant, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Appeal in the names mentioned above is adjourned for 27th October, 2022, at 09.10 a.m.

Notification Respondent: Mercieca Alexander, Anil, 4, Triq il-Ħawt, Swieqi

Register of the Superior Courts, today 27th July, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1324

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Lulju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 246/2022AJD, li ġie ppreżentat fit-18 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet Van De Wakker Saliba Catherine vs Bonello Alexander, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta'

By decree given by the Civil Court, First Chamber, on 8th July, 2022, in the acts of the Sworn Appeal number 246/2022AJD, which was presented on 18th March, 2022, in the names Van De Wakker Saliba Catherine Vs Bonello Alexander, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification

notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tiddikjara illi l-intimat ikkawża ħsarat lir-rikorrenti u tillikwida l-valur tal-ħsarat ikkaġunati mil-intimat, u dan jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' perit nominat, u tordna lil-intimat iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat, li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-20 ta' Ottubru, 2022, fid-9.20 a.m.

Notifika Intimat: Bonello Alexander, 15, Triq il-Prof. Anton Tabone, Birżebuġa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Lulju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, inter alia: Declare that the respondent has caused damage to the claimant and liquidate the value of the damage caused by the respondent, and if necessary with the help of a nominated architect, and order the respondent to pay the claimant the damages thus liquidated . With all the costs against the respondent, who is now liable for the submission.

The Sworn Appeal in the names mentioned above is adjourned for 20th October, 2022, at 9.20 a.m.

Notification Respondent: Bonello Alexander, 15, Triq il-Prof. Anton Tabone, Birżebuġa

Register of the Superior Courts, today 27th July, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1325

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fid-9 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 807/2021MH, li ġie ppreżentat fis-17 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet Cassola Hector vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Konsegwentement tagħtih dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni nkluż li jingħata lura lilu l-pussess battal u effettiv tal-fond fuq imsemmi u kumpens xieraq għal perjodu kollu li l-fond dam okkupat bi vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż u bl-inġunzzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' Ottubru, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Cini Kylie, 120, High Street, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Lulju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Chamber, Constitutional Jurisdiction, on 9th March, 2022, in the acts of Constitutional Appeal number 807/2021MH, which was presented on 17th December, 2021, in the names Cassola Hector vs State Advocate et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Consequently, it gives him all the remedies it deems appropriate and opportune, including giving back to him the vacant and effective possession of the aforementioned premises and appropriate compensation for the entire period that the premises was occupied in violation of the applicant's rights. With costs against the respondents who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Appeal in the names mentioned above is adjourned for 12th October, 2022, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Cini Kylie, 120, High Street, Ħal Balzan

Register of the Superior Courts, today 27th July, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1326

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1262/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Gabriele Asaro ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gabriele Asaro a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1262/2021 in the names J Zammit Limited vs Gabriele Asaro the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gabriele Asaro in terms of Article 187(3) et seq of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Mejju, 2021

Lil: Gabriele Asaro (KI 182251A) ta' Aquilea, Fl 7A, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €1,826.80 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rapprezentanti erbatax-il (14) skadenza ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €334.88, liema kambjali mmaturaw fil-ħames (5) gurnata ta' kull xahar minn Marzu 2020 sa April 2021 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A14).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Procedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th May, 2021

To: Gabriele Asaro (ID 182251A) of Aquilea, Fl 7A, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €1,826.80 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 14 expired bills of exchange each of value €334.88, which bills of exchange were due on the 5th day of each month from March 2020 till April 2021 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A14).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 27th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1327

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Maria-Iris Klaumann (KI 189874M) ippreżentat rikors (numru 660/2022JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku numru 1898/1974 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Notice Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Maria-Iris Klaumann (ID No: 189874M) filed an application (numru 660/2022JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry number 1898/1974 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 27 ta' Lulju, 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 27th of July, 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1328

B'digriet 11 ta' April, 2022, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazjoni (Kap. 12)

B'nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-1 ta' April, 2022, minn Joseph Camilleri (KI 237786M) u Bernice Camilleri (KI 0440385M) qegħdin jitolbu illi jidħol bħala kreditur eżekutant ieħor fl-atti tas-subbasta numru 46/21 fl-ismijiet Ivan Ghio et vs Alexander sive Alex Mercieca (KI 85363M) fis-somma ta' tmenin elf ewro (€80,000) sorte oltre l-imgħaxijiet u spejjeż skont skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-8 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tan-Nutar Dr Tania Farrugia u ittra uffiċjali datata l-11 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet ta' Joseph Camilleri et vs Alessandro Mercieca.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla, illum it-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of 11th April, 2022, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By a note filed in the Civil Court, First Hall on 1st April, 2022, by Joseph Camilleri (ID 237786M) and Bernice Camilleri (ID 0440385M) they are asking to enter as another execution creditor in the acts of the judicial sale number 46/21 in the names Ivan Ghio et vs Alexander sive Alex Mercieca (ID 85363M) in the sum of eighty thousand euro (€80,000) capital with costs and further interests and expenses according to a constitution of debt agreement dated 8th October, 2021, in the records of Notary Dr Tania Farrugia and an official letter dated 11th March, 2022, in the names of Joseph Camilleri et vs Alessandro Mercieca.

Registry of the Civil Court First Hall, today Monday, 9th May, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1329

B'digriet tal-11 ta' April, 2022, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazjoni (Kap. 12)

B'nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Marzu, 2022, minn Joseph Camilleri (KI 237786M) u Bernice Camilleri (KI 0440385M) qegħdin jitolbu illi jidħol bħala kreditur eżekutant ieħor fl-atti tas-subbasta numru 43/21 fl-ismijiet Chester Holdings Limited (C74645) vs Alexander Mercieca (KI 85363M) fis-somma ta' tmenin elf ewro (€80,000) sorte oltre l-imgħaxijiet u spejjeż skont skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-8 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tan-Nutar Dr Tania Farrugia u ittra uffiċjali datata l-11 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet ta' Joseph Camilleri et vs Alessandro Mercieca.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla, illum it-Tlieta, 17 ta' Mejju, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of 11th April, 2022, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By a note filed in the Civil Court, First Hall, on 30th March, 2022, by Joseph Camilleri (ID237786M) and Bernice Camilleri (ID 0440385M) they are asking to enter as another execution creditor in the acts of the judicial sale number 43/21 in the names Chester Holdings Limited (C74545) vs Alexander Mercieca (ID 85363M) in the sum of eighty thousand euro (€80,000) capital with costs and further interests and expenses according to a constitution of debt agreement dated 8th October, 2021, in the records of Notary Dr Tania Farrugia and an official letter dated 11th March, 2022, in the names of Joseph Camilleri et vs Alessandro Mercieca.

Registry of the Civil Court First Hall, today Tuesday, 17th May, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603